



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

LIBE_OJ(2012)1009_1

ABBOZZ TA' AĠENDA

LAQGĦA INTERPARLAMENTARI TAL-KUMITATI

Parlament Ewropew - Parlamenti Nazzjonali

**Ir-riforma tal-qafas tal-UE dwar il-
Protezzjoni tad-Data - Il-bini ta' fiduċja
f'dinja diġitali u globali**

It-Tlieta, 9 ta' Ottubru 2012, 9.00 – 18.30
L-Erbgħa, 10 ta' Ottubru 2012, 9.00 – 18.30

Parlament Ewropew, Brussell

Room József Antall (JAN) 4Q2

Organizzat bl-appoġġ tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti nazzjonali.

1. Daħla ġenerali

Fid-dinja diġitalizzata u globali, il-mod kif id-data personali tinġabar, tiġi aċċessata, użata u ttrasferita ġie ttrasformat profondament u sar dejjem aktar sofistikat. Teknoloġiji ġodda jippermettu volum li dejjem jiżdied ta' data personali. Bl-istess mod, awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi żiedu b'mod sinifikanti l-ipproċessar tagħhom ta' attivitajiet ta' data personali għat-twettiq tal-kompiti tagħhom.

F'dan l-ambjent ta' sfida, il-protezzjoni ta' data personali saret kwistjoni essenzjali ta' interess rigward id-drittijiet tal-individwu fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali tiegħu/tagħha, min-naħa l-waħda, u l-kwistjoni tal-ipproċessar meħtieġ u proporzjonat ta' data personali, minn entitajiet privati u awtoritajiet pubbliċi, min-naħa l-oħra. Il-protezzjoni tad-data hija dritt fundamentali stabbilit fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropa, u fl-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

F'dak ir-rigward, abbażi tal-esperjenza bid-Direttiva attwali 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31) u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/JHA tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali (ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60),¹ kif ukoll il-kontribut tal-Parlament Ewropew², il-Kummissjoni pproponiet żewġ strumenti legali ġodda – proposta għal Regolament dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Data Ġenerali, COM(2012)0011) u proposta għal Direttiva dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali minn awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u l-moviment liberu ta' dik id-data (Id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data, COM(2012)0010). Inizjalment, il-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li ttippreżenta strument orizzontali uniku.³ Iż-żewġ strumenti l-ġodda, jekk adottati, jiddefinixxu sostanzjalment il-prinċipji u r-regoli tal-UE għall-protezzjoni tad-data għad-deċennji li ġejjin. L-għan taż-żewġ proposti, kif iddikjarat mill-Kummissjoni, huwa li jiġi stabbilit qafas leġiżlattiv modern, qawwi u konsistenti matul il-politiki tal-Unjoni, li jtejjeb id-drittijiet tal-individwi, jappfondixxi d-dimensjoni tal-protezzjoni tad-data tas-Suq Uniku, jaqta' l-burokrazija għal negozji, u jindirizza kwistjonijiet li jinħolqu minn flussi transnazzjonali ta' data personali.

F'dak ir-rigward, iż-żewġ strumenti għandhom, fost l-oħrajn, itemmu l-frammentazzjoni

¹ Ara wkoll il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-issalvagwardjar tal-privatezza f'dinja konnessa - Qafas tal-protezzjoni tad-dejta Ewropew għas-seklu 21 (COM(2012)0009).

² Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2011 dwar approċċ komprensiv dwar il-protezzjoni tad-data personali fl-UE (P7_TA-PROV(2011)0323).

³ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar strateġija komprensiva dwar il-protezzjoni tad-dejta personali fl-Unjoni Ewropea (COM(2010)0609).

attwali permezz ta' regoli nazzjonali speċifiċi (għalhekk il-forma ta' Regolament għall-ewwel proposta), jestendu l-prinċipji komuni għal sitwazzjonijiet purament tal-ipproċessar interna tad-data fil-qasam tal-infurzar tal-liġi kif ukoll (fir-rigward tad-Direttiva), sabiex jiġi żgurat livell għoli tal-protezzjoni tad-dritt fundamentali tal-individwu għall-protezzjoni tad-data. Bħala konsegwenza, se tittejjeb il-fiduċja ta' individwi fl-ekonomija diġitali u l-fiduċja ta' ċittadini fil-protezzjoni ta' drittijiet fundamentali mill-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri, u b'hekk issir kontribuzzjoni għat-tkabbir ekonomiku u l-ħidma effiċjenti tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

2. Elementi ewlenin tar-riforma

L-elementi ewlenin tar-riforma huma: - il-protezzjoni tad-data bħala dritt fundamentali; - il-kopertura ta' kull tip ta' sitwazzjoni u ta' kull tip ta' settur, - in-newtralità teknoloġika tal-qafas legali biex jiġu koperti tekniki tal-ipproċessar differenti - il-prevenzjoni tal-frammentazzjoni u l-provvista ta' ċertezza legali għall-individwi, l-impriżi u l-entitajiet pubbliċi, - il-provvista ta' armonizzazzjoni għall-ipproċessar tad-data personali minn awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-iskambju bejniethom, - l-iżgurar tal-protezzjoni ta' individwi tal-UE fejn id-data personali tiġi ttrasferita lil pajjiżi terzi filwaqt tiġi provduta għodda sikura u flessibbli għall-flussi internazzjonali tad-data.¹

F'dak ir-rigward, l-istrumenti proposti jipprevedu diversi novitajiet. Il-proposta għal Regolament se tintroduċi l-kunċett ta' "stabbiliment ewlieni", liġi unika applikabbli għall-ipproċessar tad-data ta' kontrollur, l-hekk imsejjaħ "punt uniku ta' servizz (one stop shop)", ir-rikonossiment tad-dritt li wieħed jintesa u d-dritt ta' portabbiltà tad-data, il-protezzjoni tad-data bid-disinn u b'mod awtomatiku, in-notifika ta' ksur ta' data, l-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data, it-trasferimenti internazzjonali abbażi ta' deċiżjonijiet ta' adegwatezza jew salvagwardji xierqa oħra, jiġifieri regoli korporattivi vinkolanti, regoli speċifiċi dwar l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data b'poteri adegwati ta' infurzar, mekkaniżmu ta' konsistenza, sanzjonijiet, dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-libertà tal-espressjoni jew il-kuntest tal-impjeg. L-istrumenti jiċċaraw ukoll diversi dispożizzjonijiet bħall-kunċett ta' "kunsens", id-dispożizzjonijiet dwar it-tfassil ta' profili jew l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġett tad-data. Il-proposta għal Direttiva tistabbilixxi qafas armonizzat b'livell minimu ta' protezzjoni li se japplika għall-ipproċessar ta' data personali minn awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kemm fil-livell domestiku kif ukoll f'każijiet ta' skambji ta' data personali bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri.

Dawn l-għanijiet u t-tibdil propost ħolqu dibattitu leġittimu fir-rigward, fost l-oħrajn, ta' mistoqsijiet dwar l-adeqwatezza tal-proposti biex jinkisbu l-għanijiet imsemmija, ir-relazzjoni bejn il-liġi tal-Unjoni ġenerali u liġijiet nazzjonali speċifiċi, l-interdipendenza taż-żewġ strumenti leġiżlattivi speċjalment f'każijiet tal-aċċess tal-infurzar tal-liġi għad-data miżmuma minn kumpaniji privati, salvagwardji xierqa fir-rigward tal-kondiviżjoni

¹ Ara d-dokument ta' ħidma tal-PE tas-6 ta' Lulju 2012 dwar ir-Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Dejta Ġenerali u dwar id-Direttiva dwar l-ipproċessar ta' dejta ġenerali għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali (PE491.322v01).

ta' data internazzjonali u trasferimenti 'l quddiem, it-tnaqqis fil-piż regolatorju/amministrattiv u l-ispejjeż għall-kontrolluri tad-data, l-adegwatezza u l-effikaċja ta' sanzjonijiet, kjarifiki dwar "it-tfassil ta' profili", "l-interess leġittimu", "l-interess pubbliku" u "s-sigurtà pubblika", il-portabbiltà tad-data, il-protezzjoni tad-data bid-disinn u b'mod awtomatiku. L-implimentazzjoni fir-rigward tar-rwol tal-Kummissjoni permezz ta' atti delegati u implimentattivi u fil-mekkaniżmu ta' konsistenza, l-indipendenza tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data u t-tqassim tar-rwoli bejniethom, eċċ.

3. Għanijiet ta' din il-laqgħa Interparlamentari

Il-Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati imħejjija b'mod konġunt mill-Kumitat tal-PE għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) u l-Unità tad-Djalogu Leġiżlattiv (LDU) hija maħsuba sabiex tirrifletti dwar xi wħud mill-kwistjonijiet imsemmija u sabiex tinvolvi membri tal-Parlament Ewropew u tal-Parlamenti nazzjonali fi skambju ta' opinjonijiet u djalogu konstruttiv. Dan id-djalogu huwa essenzjali, minħabba li diversi Parlamenti nazzjonali ħadu interess speċjali fl-istrumenti proposti, kif jidher minn diversi opinjonijiet raġunati¹ u kontribuzzjonijiet maħruġa minn Parlamenti nazzjonali.²

Il-laqgħa fuq jumejn se tinqasam f'seba' sessjonijiet li jirriflettu l-mistoqsijiet prinċipali mqajma miż-żewġ proposti: I. Ir-riforma tal-qafas tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data (diskussjoni ġenerali), II. Id-drittijiet tal-protezzjoni tad-data, III. Il-protezzjoni tad-data u l-infurzar tal-liġi, IV. Il-proċessuri u l-kontrolluri tad-data fis-settur privat, V. L-implimentazzjoni, id-DPAs u l-konsistenza, VI. Il-kondiviżjoni tad-data mal-pulizija u aċċess għal data bases privati VII. Il-protezzjoni tad-data fil-kuntest globali. Għal kull suġġett, tqajmu xi mistoqsijiet speċifiċi u dawn ġew ipprovduti minn qabel lill-Parlamenti nazzjonali (ara l-Anness).

Dan id-djalogu strutturat u r-riżultat tiegħu se jgħin liż-żewġ Rapporteurs tal-LIBE u Membri oħra tal-Kumitat LIBE u l-Parlament Ewropew in ġenerali sabiex jirriflettu kif mistħoqq dwar u jqisu t-tħassib ta' parlamentari nazzjonali fil-qafas tal-proċedura leġiżlattiva li qed titwettaq fil-livell tal-UE. Il-Kumitat LIBE se jkollu vot ta' orjentazzjoni fl-ewwel kwart tal-2013.

¹ Mill-Kamra tad-Deputati Belġjana, is-Senat Franċiż, il-*Bundesrat* Ġermaniż, il-Kamra tad-Deputati Taljana u r-*Riksdag* Svediż għar-Regolament propost u mill-*Bundesrat* Ġermaniż u r-*Riksdag* Svediż għad-Direttiva proposta.

² Mill-Parlament Portugiż, is-Senat Ċek, is-Senat Taljan u l-*Eerste Kamer* Olandiż għar-Regolament propost u mill-Parlament Portugiż, il-Kamra tar-Rappreżentanti Belġjana, il-*Cortes* Spanjol, is-Senat Ċek, is-Senat Taljan u l-*Eerste Kamer* Olandiż għad-Direttiva proposta.

Ordni tal-ħidma

It-Tlieta, 9 ta' Ottubru 2012

9.00 - 9.20 **Ftuħ mill-President tal-Parlament Ewropew
Martin SCHULZ**

9.20 - 10.30	SESSJONI I - Ir-riforma tal-qafas tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data - Il-bini ta' fiduċja f'dinja diġitali u globali
---------------------	-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

Moderatur: **Juan Fernando LÓPEZ AGUILAR**, President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew

Kelliema:

9.25 - 9.35 **Ionas NICOLAOU**, President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Kamra tar-Rappreżentanti ta' Ċipru

9.35 - 9.45 **Loucas LOUCA**, Ministru tal-Ġustizzja, Presidenza tal-Kunsill ta' Ċipru

9.45 - 9.50 **Francoise LE BAIL**, Direttur Ġenerali, DĠ ĠUSTIZZJA, Kummissjoni Ewropea

9.50 - 10.30 Mistoqsijiet u Tweġibiet minn parlamentari nazzjonali u MEPs

10.30 - 12.30	SESSJONI II - Drittijiet tal-protezzjoni tad-data armonizzati u msaħħa u princijpi għal dinja interkonnessa
----------------------	--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

Moderatur: **Jan Philipp ALBRECHT**, Membru tal-Parlament Ewropew, Rapporteur dwar ir-Regolament tal-Protezzjoni tad-Data tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew

Kelliema:

10.35 - 10.45 **Marietta KARAMANLI**, Viċi-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Ewropej tal-Assemblea Nazzjonali Franċiża

10.45 - 10.55 **Gerrit HORNUNG**, Università ta' Passau

10.55 - 11.05 **Jean GONIE**, Direttur tal-Privatezza, Microsoft Ewropa

11.05 - 11.15 **Nuria RODRIGUEZ**, Uffiċjal Legali Anzjan, L-Organizzazzjoni tal-Konsumaturi Ewropej (BEUC)

11.15 - 11.25 **Simon DAVIES**, L-Iskola tal-Ekonomija ta' Londra

11.25 - 12.30 Mistoqsijiet u Tweġibiet minn parlamentari nazzjonali u MEPs

Waqfa għall-ikla ta' nofsinhar

Sessjoni ta' wara nofsinhar

15.00 - 15.40 **Ftuħ mill-Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea Viviane REDING**

Mistoqsijiet u Tweġibiet minn parlamentari nazzjonali u MEPs

15.40 - 17.15	SESSJONI III - Il-protezzjoni tad-data u l-isfidi tal-infurzar tal-liġi
----------------------	--------------------------------------------------------------------------------

Moderatur: **Dimitrios DROUTSAS**, Membru tal-Parlament Ewropew, Rapporteur dwar id-Direttiva tal-Protezzjoni tad-Data tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew

Kelliema:

15.45 - 15.55 **Lord HANNAY**, President tal-Kumitat tal-Affarijiet Interni tal-UE tal-House of Lords tar-Renju Unit

15.55 - 16.05 **Diana ALONSO BLAS**, Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data/Kap tas-Servizz tal-Protezzjoni tad-Data, Eurojust

16.05 - 16.15 **Daniel DREWER**, Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data/**Marnix AUMAN**, Dipartiment tal-Operazzjonijiet, Europol

16.15 - 16.25 **Els de BUSSER**, Istitut Max-Planck għal-Liġi Kriminali Internazzjonali, Freiburg

16.25 - 16.35 **Anna FIELDER**, Privacy International, Londra

16.35 - 17.15 Mistoqsijiet u Tweġibiet minn parlamentari nazzjonali u MEPs

17.15 - 18.40	SESSJONI IV - Kontrolluri u proċessuri tad-data fis-settur privat u tal-impjiegi
----------------------	-----------------------------------------------------------------------------------------

Moderaturi: **Sean KELLY**, Membru tal-Parlament Ewropew, Relatur tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija tal-Parlament Ewropew, u **Nadja HIRSCH**, Membru tal-Parlament Ewropew, Relatur tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament Ewropew

Kelliema:

17.20 - 17.30 **Stephan MAYER**, Kumitat għall-Affarijiet Interni tal-Bundestag Ġermaniż

17.30 - 17.40 **Erika MANN**, Direttur Maniġerjali, Facebook

17.40 - 17.50 **Alexander DIX**, Kummissjarju għall-Protezzjoni tad-Data u l-Libertà ta' Informazzjoni għal Berlin, il-Ġermanja

17.50 - 18.00 **Armin DUTTINE**, Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

18.00 - 18.10 **Frederik BORGESIU**, Istitut għal-Liġi tal-Infurmazzjoni, Università ta' Amsterdam

18.10 - 18.45 Mistoqsijiet u Tweġibiet minn parlamentari nazzjonali u MEPs

Iċ-Ċena

L-Erbgħa, 10 ta' Ottubru 2012

9.00 - 10.45	SESSJONI V - L-Implimentazzjoni tal-liġi dwar il-Protezzjoni tad-Data. L-iżgurar tal-konsistenza u l-effikaċja.
---------------------	------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

Moderatur: **Marielle GALLO**, Membru tal-Parlament Ewropew, Relatur tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament Ewropew, u **Lara COMI**, Membru tal-Parlament Ewropew, Relatur tal-Kumitat tal-PE għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur tal-Parlament Ewropew

Kelliema:

9.05 - 9.15 **Peter ERIKSSON**, President tal-Kumitat għall-Kostituzzjoni tal-Parlament Svediż

9.15 - 9.25 **Peter HUSTINX**, Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

9.25 - 9.35 **Jacob KOHNSTAMM**, President tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29

9.35 - 9.45 **Mario OETHEIMER**, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali

9.45 - 10.45 Mistoqsijiet u Tweġibiet minn parlamentari nazzjonali u MEPs

10.45- 12.30	SESSJONI VI - Il-kondiviżjoni tad-data mal-pulizija u l-aċċess għal data bases privati
---------------------	-----------------------------------------------------------------------------------------------

Moderatur: **Timothy KIRKHOPE**, Membru tal-Parlament Ewropew

Kelliema:

10.50 -11.00 **Dr Konstantin VON NOTZ**, Kumitat għall-Affarijiet Interni tal-Bundestag Ġermaniż

11.00 - 11.10 **Frédéric TARDIF**, Ministeru tal-Intern, Franza

11.10 - 11.20 **Joe MCNAMEE**, Drittijiet Diġitali Ewropej (EDRI)

11.20 - 11.30 **Eric TÖPFER**, Riċerkatur, Deutsches Institut für Menschenrechte, il-Ġermanja

11.30 - 11.40 **Dr Wojciech WIEWIÓROWSKI**, Spettur Ġenerali għall-Protezzjoni tad-Data Personali, il-Polonja

11.40 - 12.30 Mistoqsijiet u Tweġibiet minn parlamentari nazzjonali u MEPs

Waqfa għall-ikla ta' nofsinhar

Sessjoni ta' wara nofsinhar

15.00- 16.30	SESSJONI VII - Protezzjoni tad-Data fil-kuntest globali - (l-ewwel parti) Id-dimensjoni transatlantika
---------------------	---------------------------------------------------------------------------------------------------------------

Moderatur: **Axel VOSS**, Membru tal-Parlament Ewropew

Kelliema:

15.05 - 15.15 **Sharon GESTHUIZEN**, Kumitat Permanenti għas-Sigurtà u l-Ġustizzja tat-Tweede Kamer Olandiż

15.15 - 15.25 **Paul NEMITZ**, Direttur, DG ĠUSTIZZJA, Kummissjoni Ewropea

15.25 - 15.35 **David VLADECK**, Direttur, Il-Kummissjoni tal-Kummerċ Federali tal-Istati Uniti

15.35 - 15.45 **Bruce SWARTZ**, Deputat Assistent tal-Attorney General, id-Dipartiment tal-Ġustizzja tal-Istati Uniti

15.45 - 15.55 **Cameron F. KERRY**, Konsulent Ġenerali, Id-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti

15.55 - 16.45 Mistoqsijiet u Tweġibiet minn parlamentari nazzjonali u MEPs

16.45- 18.00	SESSJONI VII - Protezzjoni tad-Data fil-kuntest globali - (it-tieni parti) Liema standards għal protezzjoni effettiva
---------------------	------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

Moderatur: **Alexander ALVARO**, Viċi-President tal-Parlament Ewropew

Kelliema:

16.50 - 17.00 **Marc ROTENBERG**, Ċentru ta' Informazzjoni ta' Privatezza Elettronika (EPIC)

17.00 - 17.10 **Caspar BOWDEN**, Avukat tal-privatezza

17.10 - 17.20 **Alexander SEGER**, Kap tad-Diviżjoni tal-Protezzjoni tad-Data u taċ-Ċiberkriminalità, Kunsill tal-Ewropa

17.20 - 17.30 **Michael DONOHUE**, Analist tal-Politika Anzjan, L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD)

17.30 - 18.00 Mistoqsijiet u Tweġibiet minn parlamentari nazzjonali u MEPs

18.00 - 18.30 Sessjoni tal-Għeluq

Jan Philipp ALBRECHT u **Dimitrios DROUTSAS**, Rapporteurs dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-

Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew

ANNES

AVVIŻ IMPORTANTI GĦAL DAWK LI JIXTIEQU JATTENDU IL-LAQGĦA

Din il-laqgħa hija miftuħa għall-pubbliku. Madankollu, għal raġunijiet ta' sigurtà, parteċipanti li m'għandhomx baġġ ta' aċċess tal-Parlament Ewropew iridu jakkwistaw permess minn qabel. Dawk li jixtiequ jiksbu permess ta' dan it-tip għandhom jikkuntattjaw lis-segretarjat (libe-secretariat@europarl.europa.eu) **qabel l-1 ta' Ottubru 2012 f'nofsinhar**. Huwa essenzjali li tipprovdilna **l-KUNJOM, l-isem, id-data tat-twelid, in-nazzjonalità, it-tip ta' ID (passaport, karta tal-identità, liċenzja tas-sewqan, eċċ.), in-numru tal-ID, l-indirizz u l-kumpanija/istituzzjoni/orgnizzazzjoni**. Mingħajr dan it-tagħrif, is-Servizz tas-Sigurtà ma jistax jipprovdri permessi għad-dħul.¹

Il-parteeipanti kollha mill-Parlamenti nazzjonali (Membri, uffiċjali u rappreżentanti bbażati fi Brussell) jeħtieġ li jimlew il-formola ta' reġistrazzjoni onlajn għall-avveniment fl-indirizz tal-websajt li ġej (sat-28 ta' Settembru): http://www.opinio.europarl.europa.eu/opinio/s?s=2012_icm_libe

LINJI GWIDA PRATTIĊI GĦAD-DIBATTITU

- *Matul id-diskussjoni, sabiex ikun possibbli li l-ogħla numru ta' parlamentari jintervjenu, il-ħin għad-diskors għall-kelliema jiġi llimitat għal **għaxar minuti** u l-ħin għad-diskors għal parteċipanti oħra għal **żewġ minuti** kull kontribuzzjoni jew mistoqsija.*
- *Il-membri huma mitluba jimlew il-karta li titlob ħin għad-diskors (jindikaw isimhom u l-parlament tagħhom) li se titqassam fil-kamra tal-laqgħa.*
- *Il-kelliema li jixtiequ jissupplimentaw id-diskorsi tagħhom jistgħu jaqgħmlu dan bil-miktub billi jippreżentaw dokument (preferibbilment bl-Ingliż jew bil-Franċiż) bil-quddiem lis-segretarjat (email: libe-secretariat@europarl.europa.eu). Dawn id-dokumenti jitqassmu waqt il-laqgħa.*
- *Id-dokumenti tal-laqgħa se jiġu miżjuda progressivament fit-taqsimha Avvenimenti fil-paġni tal-Kumitat LIBE: <http://www.europarl.europa.eu/activities/committees/homeCom.do?language=EN&body=LIBE> u fil-paġna tal-web tal-PE dwar Relazzjonijiet ma' Parlamenti nazzjonali <http://www.europarl.europa.eu/webnp/cms/lang/en/pid/15>*

IL-LAQGĦA TIXXANDAR DIRETTA U TKUN IRREKORDJATA

Paġni tal-Kumitat LIBE:

<http://www.europarl.europa.eu/activities/committees/homeCom.do?language=EN&body=LIBE>

TAGĦRIF IEĦOR

Segretarjat LIBE	Relazzjonijiet ma' Parlamenti nazzjonali
José Manuel DE FRUTOS GOMEZ Amministratur Uffiċċju: RMD 04J014 Numru tat-telefown: +32(2)28 46733 jose-manuel.de-frutos-gomez@europarl.europa.eu	Jitka POLÁŠKOVÁ Amministratur Uffiċċju: WIE 05U024 Numru tat-telefown: +32(0)2 28 31056 jitka.polaskova@europarl.europa.eu
Anže ERBEZNIK Amministratur Uffiċċju: RMD 04J020 Numru tat-telefown: +32(0)2 28 32811 anze.erbeznik@europarl.europa.eu	Federico BOSCHI ORLANDINI Amministratur Uffiċċju: WIE 05U017 Numru tat-telefown: +32(0)2 28 41529 federico.boschi@europarl.europa.eu
Angela HRINCESCU Assistent Uffiċċju: RMD 04J042 Numru tat-telefown: +32(0)2 28 41544	Charlotte BLONDIAU Assistent Uffiċċju: WIE 05U020 Numru tat-telefown: +32(0)2 28 40979

¹ L-ipproċessar tad-data personali huwa soġġett għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tat-18 ta' Diċembru 2001 (G.U.L 8 12.1.2001, p. 1)

Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati dwar

Ir-riforma tal-qafas tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-data - Il-bini ta' fiduċja f'dinja diġitali u globali

9/10 ta' Ottubru 2012

Kwestjonarju indirizzat lill-Parlamenti nazzjonali

Jekk jogħġbok, sib mehmuża numru ta' mistoqsijiet li se jservu bħala l-bażi għall-grupp ta' esperti tal-Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati fid-9/10 ta' Ottubru 2012.

Tweġibiet għall-kwestjonarju (bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż) għandhom jintbagħtu sal-Ġimgħa, 21 ta' Settembru 2012 lil libe-secretariat@europarl.europa.eu.

Jekk jogħġbok, sib hawn taħt, għall-konvenjenza tiegħek, link għall-websajt tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tad-data tal-UE in ġenerali u speċifikament dwar iż-żewġ proposti leġiżlattivi dwar il-protezzjoni tad-data (Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Data Ġenerali u d-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data dwar il-liġi kriminali):

http://ec.europa.eu/justice/data-protection/index_en.htm

SESSJONI I - Ir-riforma tal-qafas tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data - Il-bini ta' fiduċja f'dinja diġitali u globali

1. Tara neċessità u valur miżjud fir-riforma proposta tal-Protezzjoni tad-Data tal-UE (mistoqsijiet dwar is-sussidjarjetà u l-forma legali magħżula – żewġ strumenti – regolament u direttiva)?
2. Kif tara r-relazzjoni bejn l-Unjoni u l-leġiżlazzjoni nazzjonali (mistoqsijiet dwar is-sussidjarjetà u l-forma legali magħżula – żewġ strumenti – regolament u direttiva)? Għandu jkun hemm iktar flessibbiltà għall-Istati Membri biex jirregolaw l-ipproċessar tad-data f'sitwazzjonijiet speċjali? Din kif taffettwa l-armonizzazzjoni tas-suq intern?
3. Fl-opinjoni tiegħek, x'inhuma l-elementi prinċipali neqsin, jekk ikun hemm, tas-sistema attwali tal-UE tal-protezzjoni tad-data bbażata fuq id-Direttiva 95/46/KE u d-Deċiżjoni Qafas 2008/977/JHA?

4. Kif jista' jiġi żgurat li l-leġislazzjoni prevista se tlaħħaq mal-iżviluppi teknoloġiċi? Fl-opinjoni tiegħek, il-prinċipji ta' "privatezza bid-disinn" u "privatezza b'mod awtomatiku" huma approċċ adegwat?

SESSJONI II - Drittijiet tal-protezzjoni tad-data armonizzati u msaħħa u prinċipji għal dinja interkonnessa

5. X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar id-dispożizzjonijiet fir-rigward tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data u l-applikabbiltà tagħhom fil-prattika, bħall-portabbiltà, id-dritt li wieħed jintesa, dati tal-iskadenzi għall-indirizzar ta' talbiet għal aċċess, ir-rettifika?
6. X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar il-prinċipji li fuqhom huma bbażati dawn id-drittijiet, bħall-ħtieġa għal bażi legali għall-ipproċessar tad-data, il-kondizzjonijiet għall-kunsens, jew il-kunċetti ta' "sigurtà pubblika" jew "interest leġittimu" bħala bażi għall-ipproċessar tad-data?

SESSJONI III - Il-protezzjoni tad-data u l-isfidi tal-infurzar tal-liġi

SESSJONI VI - Il-kondiviżjoni tad-data mal-pulizija u l-aċċess għal data bases privati

7. Dan il-qafas il-ġdid għandu japplika wkoll għal attivitajiet tal-ipproċessar purament domestiċi mill-infurzar tal-liġi jew għandu jiġi llimitat għal każijiet transkonfinali biss (mistoqsija ta' diskriminazzjoni bil-maqlub, protezzjoni tad-data bħala dritt fundamentali komuni mill-Karta, sussidjarjetà, eċċ)?
8. Hemm tendenza li qiegħda tikber mill-infurzar tal-liġi li l-aċċess għad-data jinżamm minn kumpaniji privati għal finijiet kummerċjali; kif jista' jiġi żgurat bilanċ xieraq bejn il-ħtiġijiet tal-infurzar tal-liġi u d-drittijiet fundamentali?

SESSJONI IV - Il-kontrolluri u l-proċessuri tad-data fis-settur privat u fis-settur tal-impjegi (Fluxx ħieles ta' informazzjoni fis-suq intern)

9. Il-proposta qiegħda tnaqqas il-piż regolatorju/amministrattiv għall-kontrolluri tad-data, speċjalment fir-rigward ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)?
10. Il-mekkaniżmu tal-"punt uniku ta' servizz" kif se jkollu impatt fuq il-liġijiet tal-Istati Membri u fuq id-drittijiet tas-suġġett tad-data (ostakoli legali u lingwistiċi, eċċ)? Kif se jiġi ggarantit li d-deċiżjonijiet qed jiġu infurzati legalment fl-Istat Membru tar-residenza tas-suġġett tad-data?
11. Kif jista' jiġi żgurat li l-leġislazzjoni prevista se tlaħħaq mal-iżviluppi teknoloġiċi? Fl-opinjoni tiegħek, il-prinċipji ta' "privatezza bid-disinn" u "privatezza b'mod awtomatiku" huma approċċ adegwat?
- 11a. Ir-Regolament propost dwar il-protezzjoni tad-data jipprovdi għall-għoti ta' poteri ddelegati/implimentattivi lill-Kummissjoni f'diversi każijiet. X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar id-dispożizzjonijiet tal-għotja ta' dawn il-poteri lill-

Kummissjoni? Tikkunsidra li din l-għotja hija meħtieġa u ġġustifikata għall-implimentazzjoni tar-Regolament fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet previsti?¹

SESSJONI V - L-Implimentazzjoni tal-liġi dwar il-Protezzjoni tad-Data. L-iżgurar tal-konsistenza u l-effikaċja.

12. Kif tevalwa l-mekkaniżmu tas-sanzjonijiet proposta (livell ta' sanzjonijiet, proporzjonalità, diskrezzjoni, rimedji legali, eċċ)? Dan kif se jaffettwa d-dispożizzjonijiet fl-Istat Membri tiegħek, u liema huma l-esperjenzi mal-mudell attwali?
13. Kif tevalwa l-mekkaniżmu ta' konsistenza propost (il-fatt li DPAs nazzjonali li se jinħtieġu li jżommu mad-deċiżjoni meħuda fi ħdan il-mekkaniżmu ta' konsistenza, u l-kwistjonijiet tal-indipendenza tagħhom u r-riskju li jaġixxu bi ksur tal-liġi nazzjonali)? Kif tqis ir-rwol propost tal-Kummissjoni f'dak ir-rigward, speċjalment fir-rigward tal-kwistjoni tal-indipendenza tal-Bord Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data?
14. Kif tevalwa r-riżorsi tal-awtorità/l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data fl-Istat Membru tiegħek? Kif jiġi żgurat li huma suffiċjenti f'dinja ta' dejjem aktar ipproċessar tad-data?
- 14a. Ir-Regolament propost dwar il-protezzjoni tad-data jipprovdi għall-għoti ta' poteri ddelegati/implimentattivi lill-Kummissjoni f'diversi każijiet. Tikkunsidra li din l-għotja hija meħtieġa u ġġustifikata għall-implimentazzjoni tar-Regolament fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet previsti?²

SESSJONI VII - Protezzjoni tad-Data fil-kuntast globali

15. Kif tevalwa l-mekkaniżmu tat-trasferiment propost internazzjonalment fiż-żewġ proposti li jqisu li l-oqfsa tal-UE u tal-istati terzi mhumiex dejjem ibbażati fuq l-istess prinċipji u ma joffrux l-istess protezzjonijiet għall-individwi?
16. Il-Kummissjoni indikat li l-proposta tagħha timmira lejn is-simplifikazzjoni ta' trasferimenti internazzjonali u sabiex jingħeleb il-piż għall-kontrolluri. Dan ifisser li d-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta se jiġu mħarsa inqas?
17. Għandek xi rimarki oħra fir-rigward tal-pakkett tar-riforma propost?

¹ Mistoqsija addizzjonali għad-diskussjoni; mhux inkluża fil-kwestjonarju mibgħut lill-parlamenti nazzjonali.

² Mistoqsija addizzjonali għad-diskussjoni; mhux inkluża fil-kwestjonarju mibgħut lill-parlamenti nazzjonali.